# FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## Gudikatur: Dr Vincent Galea M.A., LL.D.

### Seduta ta' nhar l-Erbgha 19 ta' Ottubru, 2016

**Talba Nru: 44/2015/VG**

**Gordon MAYO [K.I. Nru. 656355M] ezercitanti d-ditta TONI & GUY**

**vs**

**Manuela BUGEJA**

**It-Tribunal,**

Ra **t-talba mressqa mir-rikorrenti fid-9 ta' Novembru, 2015** u li permezz taghha talab il-hlas, minghand l-intimata, tas-somma ta' tlett elef mija hamsa u disghin euro [€3,195] u dan wara li ppremetta hekk:

> "Illi l-konvenuta ghandha thallas lil Gordon Mayo ezercitanti d-ditta TONI & GUY is-somma ta' tlett elef mija u hamsa u disghin Ewro (€3,195) oltre imghax bir-rata ta' hamsa fil-mija (5%) b'effett li fiha dan l-ammont gie dovut, rapprezentanti course fees imhallsa mill-istess attur ghal classic precision course li gie segwit minnek konvenuta f'Settembru tas-sena elfejn u hdax (2011), liema fees kellhom jigu rimborzati minnek fi zmien tlett (3) xhur mit-tmiem ta' l-impjieg tieghek u dana ai termini ta' l-iskrittura tad-disgha u ghoxrin (29) ta' Awwissu tas-sena elfejn u hdax (2011). Annessi kopja tal-ftehim (Dok A).

Illi l-konvenuta giet interpellata sabiex thallas izda baqghet inadempjenti.

Illi ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Bl-ispejjes inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali pprezentata f'Jannar 2015; spejjez ta' din il-procedura u bl-imghaxijiet legali, kontra l-konvenuta"

Ra **r-risposta tal-intimata** minnha mressqa fl-24 ta' Novembru, 2015 u li permezz taghha gie eccepiet hekk:

"1) Illi t-talbiet attrici huma nfondati fid-dritt u fil-fatt stante illi l-konvenuta ma telqitx mill-impjieg izda giet kostretta tabbanduna l-istess impjieg meta sfat imkeccija mill-attur innifsu.

2) Salvi eccezzjonijiet ulterjuri".

Ra l-ahhar verbal fejn it-Talba giet differita ghas-sentenza ghal-lum.

Ra d-dokumenti esebiti;

Ra l-atti;

Ikkunsidra;

1. Ir-rikorrenti permezz tat-talba odjerna qieghed jitlob il-hlas minghand l-intimata tas-somma ta' tlett elef mija hamsa u disghin euro [€3,195] oltre imghax bir-rata ta' hamsa fil-mija (5%) b'effett li fiha dan l-ammont gie dovut, rapprezentanti *course fees* imhallsa minnu ghal *classic precision course* li gie segwit mill-intimata f'Settembru, 2011, liema fees kellhom jigu rimborzati mill-intimata fi zmien tlett (3) xhur mit-tmiem ta' l-impjieg taghha minn mieghu u dana ai termini ta' l-iskrittura datata 29 ta' Awwissu, 2011. L-intimata laqghet ghal din it-Talba billi qalet li t-talbiet rikorrenti huma nfondati fid-dritt u fil-fatt stante li hi ma telqitx mill-impjieg izda giet kostretta tabbanduna l-istess impjieg meta sfat imkeccija mir-rikorrenti innifsu.

Ikkunsidra ulterjorment;

2. L-iskrittura li ghaliha jaghmel referenza r-rikorrenti hija dik esebita a fol. 4 tal-process (dok. A). Skont ma jirrizulta mill-imsemmija skrittura, l-intimata kellha thallas l-ammont ta' elfejn seba' mija u tmenin liri sterlini (£2,780) f'kaz li "*the employee's employment with the Employer ceases within three (3) years after the end of the course*" (fol. 5). Fl-iskrittura hemm miktub ukoll l-ammont ta' €3,195 f'munita euro fejn l-ammont ta' £2,780. Dan il-hlas kellhu jsir sa zmien tlett (3) xhur mid-data tat-terminazzjoni ta' l-impjieg. Insibu ukoll li l-impjegata u cioe l-intimata "*shall not be liable to make any reimbursement to the Employer under this agreement if the termination was as a result of unfair dismissal by the Employer*" (fol. 5). F'kaz li l-ammont imsemmi ma jithallasx kellu jibda jidekorri l-imghax bir-rata ta' hamsa fil-mija (5%) b'effett mid-data meta kien dovut sad-data tal-pagament effettiv. Skont din l-iskrittura, l-kors, li inzamm gewwa t-Toni & Guy Academy f' Londra kien bejn it-12 u t-30 ta' Settembru, 2011. It-tlett snin imsemmija fl-iskrittura, biex l-intimata ma tkunx obbligata li thallas dan l-ammont ghalhekk kienu jiskadu fit-30 ta' Settembru 2014.

3. Ir-rikorrenti qal li l-intimata kienet tmexxi s-salon ta' TONI & GUY gewwa l-Arkadia. Huwa kien baghatha ghal kors imsemmi fl-iskrittura u hallas hu ghal istess kors. Zied ighid li l-intimata kienet intrabtet sabiex trodd lura l-ammont ta' €3,195 li huma l-ispejjez li huwa nefaq sabiex l-intimata tkun tista tattendi ghal dan il-kors f'kaz li hi ma tibqax ghal tlett snin, wara li jkun spicca l-kors, tahdem mieghu. Hekk qieghed jaghmel permezz ta' dawn il-proceduri. Qal li jiftakar li darba minnhom, kien is-Sibt, kienet cemplitlu l-manager tal-fergha ta' Ghawdex, Lara Theuma, u qaltlu li hi u l-intimata riedu jiltaqghu mieghu urgentement. Qal li huwa ftiehem li jiltaqa maghhom l-ghada l-Hadd Malta u l-intimata u l-manager nizlu jkellmuh. Qal li "*mal-ewwel avvicinawni li huma jridu jieqfu u ovvjament jien habba li jien ghandi hafna data mdahhla gol-kompjuter, bl-ismijiet u telephone numbers tan-nies, kif qaluli li huma jridu jieqfu ghidtilhom mela jekk intom ser tieqfu tridu tiehdu c-cavetta lil wahda mill-impjegati ohra li kelli u jekk ghandkom tahdmu n-notice, in-notice tridu tahdmuh Malta*" (fol. 25). Dan peress li fil-hanut ta' Ghawdex kien hemm id-*data* tal-klijenti u ma riedx li l-intimata tiehu din l-informazzjoni.

   Qal li huwa talabhom jaghmlulu ittra kif fil-fatt ghamlu. Din l-ittra iggib id-data tal-5 ta' Mejju, 2014 (fol. 30) u hija ffirmata mill-intimata. Fiha hija tghid li t-3 ta' Mejju, 2014 kienet l-ahhar gurnata xoghol taghha u "*I value the time I spent working with Toni & Guy and thank you for your professional guidance and support. I wish you and the company all the very*

*best of success in the future*" (fol. 30). Ir-rikorrenti wiegeb din l-ittra ta' rizenja u filwaqt li fakkarha li huwa kien infurmaha li setghet tahdem in-*notice* f'wahda mill-ferghat ta' Malta, huwa accetta r-rizenja taghha u fakkarha fil-ftehim li kienet iffirmat fid-29 ta' Awwissu, 2011 u ghal ammont li hija kellha taghti u cioe l-ammont ta' €3,195 skont l-imsemmija skrittura. Ir-rikorrenti fil-kontro-ezami tieghu cahad li huwa kien kecca lill-intimata.

4. Marcel Tabone, ir-rapprezentant ta' l-ETC esebixxa l-employment history tal-intimata kif ukoll t-*termination letter* taghha.

5. L-intimata xehdet u qalet li hija kienet bdiet tahdem ma' l-intimat f'Awwissu, 2008 u li dak iz-zmien hija ma kienet tiehu l-ebda rimunerazzjoni. Qalet li kienu l-haddiema stess li kienu jigbru l-flus biex ihallsuha l-ghaliex kienet tahdem daqs impjegata. Spjegat li hija damet tlett snin f'din is-sitwazzjoni. Qalet ukoll li sadanitant, ir-rikorrenti kien iweghda li kien ser jibghata kors barra minn Malta biex titghallem u "*proprju ghalhekk li ma kienx qed ihallasni biex imbghad ihallas dan il-kors*" (fol. 42). Qalet li "*igifieri jien ghamilt tlett snin ma nithallasx biex stajt nattendi dan il-kors*" (fol. 42). F'Awwissu, 2011 hija ffirmat il-ftehim li jinsab esebit a fol. 4 tal-process.

   F'Mejju, 2014, Lara Theuma, wahda mill-haddiema li kien hemm maghha fl-istabbiliment tar-rikorrenti gewwa Ghawdex kienet qaltilha li kienet qeghda tahsibha biex tieqaf tahdem mar-rikorrenti peress li kienet talbitu z-zieda u huwa ma kienx tahielha. Qaltilha ukoll li kienet sabet x'imkien iehor b'inqas sieghat tax-xoghol u b'paga ahjar. Stqarret li hija "*xtaqt li nkompli nahdem maghha u mhux nibqa wahdi. Ghalhekk hassejna l-bzonn li nkellem lil Gordon Mayo*" (fol. 42). Hija qalet li fil-fatt marru biex jiltaqghu mar-rikorrenti l-Hadd, gewwa Malta biex jiddiskutu mieghu x'inhu l-ahjar ghalina u ghalih. Qalet li "*ahna ma morniex hemm biex nirrizenjaw jew nitilqu, anzi konna morna niddiskutu u lanqas biss kellna hsieb li naghtu n-notice*" (fol. 43). Hija cahdet li r-rikorrenti kien qalilhom sabiex jahdmu n-*notice period* gewwa Malta u anzi qalet li l-hsieb taghhom kien li huma jibqghu jahdmu mar-rikorrenti sa Jannar izda r-rikorrenti ma riedx jaf u talabhom l-ittra ta' rizenja. X'hin irritornat lura Ghawdex hija marret taghti c-cavetta tal-hanut lil Maria Dingli, haddiema ohra tar-rikorrenti, liema persuna r-rikorrenti kien qalilha li kien kecciehom u dan b'referenza ghaliha u ghal Lara Theuma. Qalet li dak li ghamel ir-rikorrenti ghamlu bi skop u biex ippatihielha "*talli ma kontx se nibqa nahdem hemm*" (fol. 43). Qalet li

ghalhekk, mhux veru li kienet irrizenjat hi izda kien ir-rikorrenti li kien keccieha.

In kontro-ezami hija qalet li meta hi u Lara Theuma nizlu Malta biex ikellmu lir-rikorrenti "*ma morniex nghidulu li ha nieqfu anzi ahna ghidnilu li ahna lesti li nahdmu sal-ahhar tas-sena*" (fol. 74). Kienu marru biex jilhqu ftehim mar-rikorrenti, u cioe kif kienet ser issir it-transizzjoni sakemm huma jigu biex jitilqghu u "*anzi ahna ghamilniha cara li ahna lesti li nahdmu sal-ahhar tas-sena. Ahna ghalhekk morna biex hu jkun jista jsib lil xi hadd iehor halli ahna nkunu nistghu nghallmu lil haddiehor*" (fol. 75). Wara li ma baqghux jahdmu mar-rikorrenti hi u Lara Theuma fethu hanut ghal rashom.

6. Maria Dingli, li kienet ukoll tahdem mar-rikorrenti, izda llum ma ghadhiex qalet li darba l-Hadd kienet irceviet telefonata minghand Lara Theuma u qaltilha li hi u l-intimata xtaqu jkellmuha. Iltaqghet maghhom u dawn infurmawha li huma ma kienux ser jibqghu jahdmu mar-rikorrenti ghax spiccaw imkeccija mix-xoghol. Aktar tard filghaxija, hija kienet irceviet messagg minghand ir-rikorrenti fejn infurmaha li l-intimata u Lara Theuma ma kienux ser jibqghu jahdmu mieghu u li ma kellhomx permess jidhlu fil-hanut. Qalet li f'dan il-messagg kien hemm ukoll il-kliem "*I had to stop them immediately*" (fol. 42). Ziedet tghid li r-rikorrenti kien cempel lil Lara Theuma mill-mobile taghha u talabha sabiex iggib l-ittra ta' rizenja. Stqarret li matul iz-zmien, il-verzjoni tar-rikorrenti tbiddlet u beda jghid li l-intimata u Lara Theuma kienu qabdu u telqu u mhux li hu kien kecciehom.

7. Lara Theuma qalet li hi u l-intimata hbieb sew u tiftakar li f'Marzu, 2014 huma kienu kellmu lir-rikorrenti u talbuh zieda fil-paga. Qalet li wara din il-laqgha r-rikorrenti kien zied xi ftit il-paga taghhom izda mhux daqs kemm kienu talbu. Lejn l-ahhar ta' April, 2014 kienet avvicinata persuna li kienet lesta li toffrilha xoghol b'paga aktar u anqas sieghat. Dan ix-xoghol kien ser jkun disponibbli f'Jannar ta' wara. Hija kienet fethet qalbha mal-intimata dwar dan u din ta' l-ahhar infurmatha li "*hi ma xtaqitx tibqa tahdem hemm u allura ftehmna illi tigi tahdem mieghi. Ghaldaqstant konna ddecidejna li navvicinaw lil Gordon sabiex ninfurmawh qabel ma niehu decizjoni finali. Kull ma ridna hu li niddiskutu din l-affari ma Gordon*" (fol. 44). Riedu jaghmlu dan sabiex ikun hemm *handover* tajba min naha taghhom sabiex ma jkunx hemm problemi mal-klijenti. Meta marru jkellmuh u huwa nduna li "*jista jkun il-kaz li ma nibqghux nahdmu hemm*" (fol. 44), skont ix-xhud, ir-rikorrenti beda jghajjat u lanqas fehem x'kienu qeghdin jghidulu. Huwa infurmahom sabiex ma jersqux aktar lejn il-hanut ta' Ghawdex u staqsiehom

"*intom gejtu hekk mnghajr resignation letter*" (fol. 45). Qalet li hija ma kienitx marret biex tieqaf tahdem izda biex tinfurmah bil-hsieb taghha u sabiex r-rikorrenti jilhaq isib *replacement*. F'din il-laqgha, sostniet ix-xhud, ir-rikorrenti kien qabad u kecciehom. Qalilha sabiex ma tersaqx lejn il-hanut u semmielha d-*data protection* u l-klijenti. Hija taghtu c-cavetta tal-hanut u l-intimata ma taghtilhux peress li ma kienitx fuqha. Hija infurmathom li kienet ser taghtihom lil xi haddiema x'hin tasal lura Ghawdex. Hija cahdet li r-rikorrenti kien offrielhom sabiex tahdem in-*notice period* gewwa hanut iehor ghax kieku kienet taccetta. Hija qalet li t-Tlieta ta' wara marret taghtih l-ittra ta' rizenja bl-ghaggla minghajr ma kienet ivverifikat mal-ETC waqt li huwa kien qieghed fil-fergha tal-hanut gewwa Ghawdex. Dan peress li huwa beda jinsisti maghha li ried din l-ittra immedjatament. Wara li hija taghtu din l-ittra, hija marret tivverifika mal-ETC u dawn da parti taghhom infurmawha li hija kellha cans sena sabiex tigbor il-flus tan-*notice*. Fil-verita, kompliet tghid ix-xhud, hija qatt ma talbet dawn il-flus minghand ir-rikorrenti.

8. Gabrielle Cauchi qalet li ghal habta ta' April, 2015 l-intimata kienet infurmatha li r-rikorrenti kien kecca lilha u lil Lara Theuma. Qalet li n-nies li kien hemm ibbukkjati fuq isem l-intimata u Lara Theuma kienu ghadhom kollha ibbukkjati fuq isimhom u ma kienux thassru. Ziedet tghid li l-intimata ma kellha l-ebda intenzjoni titlaq min fuq il-post tax-xoghol u lanqas Lara Theuma u dan peress li "*kieku kienu se jitilqu kien ikollhom jghidulna ghax bilfors riedu jsiru xi arrangamenti u hand over*" (fol. 47). Illum il-gurnata din ix-xhud ma ghadhiex tahdem mar-rikorrenti. In kontro-ezami hija qalet li kienet irceviet messagg minghand l-intimata "*li ser jitilqu mit-Toni and Guy*" (fol. 59).

Ikkunsidra ulterjorment;

9. Skont ma jirrizulta mid-dokument immarkat bhala dok. ETC 1, li huwa l-*employment history* ta' l-intimata, hija bdiet tahdem *full time* ghall-perjodu indefinit fl-1 ta' Ottubru, 2011 u waqfet tahdem fit-3 ta' Mejju, 2014 (fol. 37). Dan ifisser li l-ftehim li jinsab a fol. 4 tal-process kien sar qabel ma hija bdiet tahdem mar-rikorrenti *full time* ghall-perjodu indefinit. Skont ma jirrizulta min dan il-ftehim datat 29 ta' Awwissu, 2011, l-impjegat kellhu jhallas l-ammont ta' £2780 konsistenti f' "*fees relative to the course*" (fol. 4). Il-kors hawn imsemmi huwa *classic precision course* li kellhu jinzamm fl-akkademja ta' Toni & Guy gewwa Londra. Jirrizulta ukoll li r-rikorrenti, li fil-ftehim gie deskritt bhala d-datur tax-xoghol u l-intimata bhala impjegata, kien sejjer ihallas hu ghal dan il-kors bil-kundizzjoni li jekk l-impjieg taghha

jieqaf (fit-test tal-ftehim hemm il-kelma bl-ingliz "ceases") fi zmien tlett snin minn wara li jintemm l-imsemmi kors, allura l-impjegata kellha tirrifondi lura lid-datur tax-xoghol taghha l-ammont shih ta' £2780. F'din l-eventwalita, l-impjegat kellha thallas dan l-ammont sa mhux aktar tard minn tlett xhur wara t-terminazzjoni ta' l-impjieg (fit-test tal-ftehim hemm il-kliem bl-ingliz "*termination of employment*").

10. Jidher bic-car ukoll li l-intimata kienet taf x'qeghda tiffirma. L-argument taghha huwa li hija kienet sfat imkeccija mill-impjieg u li ma rieditx titlaq meta effettivament sfat hekk imkeccija. Waqt it-trattazzjoni inghad, mill-abbli rapprezentant ta' l-intimata, li f'kaz li t-Tribunal jiddeciedi li ma jilqax l-eccezzjonijiet ta' l-intimata, huwa kellhu jzomm quddiem ghajnejh li kull ma kien ghad fadal biex jghaddi dan it-terminu ta' tlett snin kienu biss ftit xhur u li ghalhekk, jekk xejn, anke a bazi ta' l-ekwita, l-ammont rikjest kellhu jkun ferm inqas.

11. It-Tribunal, mill-assjem tal-provi ma ghandux dubju li l-intimata u sehbitha Lara Theuma kienu marru ghand ir-rikorrenti bil-ghan li jghidulu li huma kienu ser jitilqu mill-impjieg. Issa r-rikorrenti qal li dawn infurmawh li kienu ser jitilqu immedjatament filwaqt li l-intimata u sehbitha t-tnejn jghidu li huma kienu nfurmawh li kienu ser jitilqu lejn l-ahhar ta' Dicembru ta' dik is-sena u l-intenzjoni taghhom kienet sabiex tul dak iz-zmien, ir-rikorrenti jiehu hsieb isib lil xi hadd biex ikun jista jirrimpjazzahom halli ma jkunx hemm skossi meta eventwalment jasal iz-zmien biex jitilqu.

12. Hi x'inhi l-verita pero, xorta jibqa l-fatt li l-intenzjoni tal-intimata kienet li hija titlaq mill-impjieg u r-rikorrenti malli sar jaf b'dan il-fatt, u anke sabiex jipprotegi n-negozju tieghu infurmahom li huwa ma riedx li huma jibqghu jmorru fil-hanut tieghu gewwa Ghawdex. Skont ir-rikorrenti dan ghamlu peress li huma setghu facilment jiehdu l-informazzjoni ghar-rigward ta' klijenti u l-appuntamenti taghhom li kien hemm fuq il-*computer* bil-konsegwenza li dawn il-klijenti jmorru ghand l-intimata u huwa jitlef l-istess klijenti. Il-kwistjoni tan-notice ukoll ma hijiex ta' rilevanza l-ghaliex anke jekk din inhaddmet, xorta wahda l-intimata kienet tispicca tahdem qabel it-30 ta' Settembru, 2014 u cioe l-perjodu meta kienu jiskadu t-tlett snin imsemmija fil-ftehim datat 29 ta' Awwissu, 2011.

13. Apparti dan kollu, fl-ittra ta' rizenja taghha, datata 5 ta' Mejju, 2014 l-intimata imkien ma tghid li hija kienet giet sfurzta biex titlaq mill-impjieg taghha, anzi infurmatu "*as you informed me that in light of my decision to*

*resign you would like me to cease from attending the salon with immediate effect, please note that my last day of employment was the 3rd of May 2014*" (fol. 30). Id-decisjoni biex tirrizenja kienet taghha, almenu t-Tribunal hekk qed jifhem il-kliem "*in light of my decision to resign*". Fl-istess ittra imbaghad hija ghaddiet biex tghid lir-rikorrenti li "*I value the time I spent working with Toni & Guy and thank you for your professional guidance and support. I wish you and the company all the very best of success in the future*" (fol. 30). Kelma wahda li hija wahda dwar xi sforz li setgha kien hemm mir-rikorrenti biex hija titlaq ma hemmx. Kien ikun dak il-mument propizju li semmih dan il-fatt u mhux waqt li kienu ghaddejjin dawn il-proceduri. Ghalhekk it-Tribunal ma huwiex konvint min dak li qalu l-intimata u x-xhieda l-ohra li hija resqet.

14. Il-ftehim milhuq bejn il-partijiet fid-29 ta' Awwissu, 2011 kien wiehed car u ma tantx ihalli lok ghal interpretazzjoni differenti. L-intimata intrabtet li thallas lir-rikorrenti l-ammont ta' £2,780 f'kaz li l-impjieg taghha jispicca qabel ma jkunu ghaddew tlett snin mid-data ta' meta l-kors hemm imsemmi jkun spicca. Dik id-data hija t-30 ta' Settembru, 2011 u allura hija kellha tispicca mill-impjieg wara t-30 ta' Settembru, 2014 sabiex dik il-klawsola ma tiskattax.

15. Ghar-rigward tal-punt imqanqal waqt it-trattazzjoni u cioe li "*kemm-il darba forsi t-Tribunal jaghzel it-tezi tal-kumpanija attrici, ghandu jzomm f'mohhu li l-konvenuta hadmet mal-attur ghal sitt (6) snin shah li l-ewwel tlett (3) snin kienu bla paga jigifieri hadmet u hadmet b'xejn. Apparti minn hekk m'ghandix thallas is-somma ta' tlett elef mija u hamsa u disghin (€3,195) ghaliex kienet diga hadmet dawk it-tlett (3) snin bla paga u oltre minn hekk kien baqa tlett (3) xhur biss biex jiskadi dak il-kuntratt. Semai jigu mehudin il-konsiderazzjonijiet dawk it-tlett (3) xhur biss li kellha tiehu, li kien ghadu ma ghalaqx il-kuntratt*" (fol. 82) it-Tribunal jirrileva li l-kliem tal-ftehim datat 29 ta' Awwissu, 2011 huma cari taht ir-rubrika *reimbursement of fees* "*If the employee's employment with the Employer ceases within three (3) years after the end of the course, the Employee shall reimburse to the Employer the Course Fees that is the whole amount of £2780 (€3195.00)(EURO)*" (fol. 5). Huwa l-ammont shih li kellhu jigu rifuz lid-datur tax-xoghol u mhux parti minnu skont kemm tkun hadmet l-impjegata, cioe l-intimata, wara d-data ta' l-imsemmi kors. Hawn mhux kwistjoni ta' ekwita izda kwistjoni ta' applikazzjoni ta' ftehim milhuq liberament bejn il-partijiet.

16. Illi dwar l-ammont reklamat l-intimata ma resqet l-ebda prova li l-ammont ta' £2,780 ma huwiex ekwivalenti ghal €3,195 u ghalhekk it-Tribunal sejjer jimxi fuq dan l-ammont.

Ghal dawn ir-ragunijiet, it-Tribunal qieghed jaqta u jiddeciedi dan il-kaz billi filwaqt li jichad l-eccezzjonijiet kollha ta' l-intimata, qieghed jilqa t-talbiet tar-rikorrenti u konsegwentement qieghed jikkundanna lill-intimata sabiex thallas lir-rikorrenti l-ammont ta' tlett elef mija u hamsa u disghin euro [€3,195] bl-imghaxijiet jibdew jidekorru fuq dan l-ammont mill-4 ta' Awwissu, 2014[1] sad-data tal-hlas effettiv.

L-ispejjez kollha ghandhom jigu sopportati mill-intimata.

**Vincent Galea M.A., LL.D.**
**Gudikatur**

**Daniel Sacco**
**Deputat Registratur**

[1] Tlett xhur wara l-ahhar gurnata ta' impjieg ta' l-intimata u cioe t-3 ta' Mejju, 2014 u dan kif iddikjarat hija stess fl-ittra ta' rizenja taghha datata 5 ta' Mejju, 2014.